# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-48 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

49.01 **Talba**

49.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

49.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

49.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

49.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 48**

49.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 48 ġew approvati unanimament, Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Viċi-Sindku issekonda.

49.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.04.01 Is-Sindku spjegat illi minn mindu bdew joperaw il-magni tar-*Reverse Vending* tal-BCRS, feġġew xi problemi u r-Reġjun intervjena b'laqgħa fl-ewwel ġranet mal-BCRS fejn l-affarijiet marru għall-aħjar u l-Kunsilli ġew imwegħda li l-ammont ta' magni kien ser jiżdied sabiex ikun hemm aktar aċċess għar-residenti fl-irħula kollha.

49.04.02 Is-Sindku nfurmat li finalment, l-arblu l-antik tal-Enemalta li kien hemm fi Triq iċ-Ċavi kien inqala u anke s-siġra mejta li kien hemm fi Ġnien Mikielanġ Sapiano kienet inqalgħet ukoll.

49.04.03 Rigward Sqaq Buħar, is-Sindku nfurmat li kienet tkellmet mal-Ministru dwar il-possibilità li jiġi nstallat id-dawl iżda kienet ġiet mgħarrfa li dan mhux possibbli peress li dan jinsab f'area ODZ. Hija qalet li kienet irribattiet dan il-punt peress li hemm arbli tad-dawl f'postijiet simili ġewwa r-raħal stess u fiċ-ċirkostanzi l-Enemalta kienu ser jiċċekkjaw dwar il-każ mal-ERA.

Is-Sindku qajjmet il-punt dwar il-ħmieġ tal-ħamiem speċjalment fi Triq il-Fjuri fejn saret diskussjoni.

49.04.04 Is-Sindku nfurmat li l-pal tal-bajtar li kien hemm fi Sqaq Buħar kien inqata kollu.

49.04.05 Is-Sindku spjegat li wara li xi ġimghat ilu kienet iltaqgħet ma' uffiċċjali tal-LESA dwar l-għeluq waqt il-ħinijiet tal-iskola, residenta kienet talbet laqgħa peress li xorta kien hemm xi problemi u bi ftehim mal-LESA, vetturi mhux qed jitħallew jipparkjaw *double parking* fid-daħla ta' Triq Valletta min naħa ta' Triq il-Parroċċa.

49.04.06 Is-Sindku nfurmat li l-Ħadd 18 ta' Diċembru kien ser jiġi organizzat *Afternoon Tea* ieħor ġewwa s-Sala tal-skola.

49.04.07 Is-Sindku nfurmat li wara li kienet irċeviet xi lmenti dwar bankina perikoluża f' Misraħ il-Fidwa, kienet talbet lill-kuntrattur sabiex jagħtina stima u din ser tiġi tiswa madwar € 1,000. Ġie approvat li din għandha ssir. Rigward ilment ieħor dwar bankina li hemm bżonn tinbidel fi Triq in-Nazzarenu, hija qalet li l-istima kienet telgħet għal madwar € 15,000 u għalhekk kienet ser titlob l-għajnuna tal-PWD sabiex forsi l-bankina ssir min naħa tagħhom.

49.04.08 Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar ġranet kienet saret laqgħa ma' membri mill-Kumitat tal-Mqabba FC fejn flimkien magħha kienu attendew ukoll il-Kunsillieri Sciberras u Decelis. Il-Kumitat kien talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill kif ukoll sabiex tinġieb l-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-bini tal-*club* kif ukoll sabiex il-*club* ma jħallasx taxxa fuq il-plejers barranin tiegħu u min naħa tagħha kienet diġà kellmet xi persuni li jistgħu ikunu ta' għajnuna fuq dawn it-talbiet.

49.04.09 Is-Sindku irreferiet għall-Konferenza Stampa li nżammet xi jiem ilu mill-ADPD fejn minbarra l-fatt li dawn qatt ma għamlu kuntatt mal-Kunsill sabiex jaraw il-pożizzjoni tiegħu dwar żvilupp fi Triq Valletta, kienu saru akkużi nfondati fil-konfront tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkundanna dan l-aġir.

49.04.10 Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur li qiegħed jieħu ħsieb ir-*roundabout* tal-Mentna kien infurmaha li mas-Sindku preċedenti kellu ftehim li jagħmel xi tabelli fl-istess *roundabout* li juru li x-xogħol kien qed isir min naħa tiegħu. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li dawn it-tabelli jistgħu isiru peress li l-kuntrattur kien qed jagħti servizz b'xejn iżda l-Kunsill irid jara u japprova l-*artwork* tal-istess tabelli qabel dawn jeħlu fuq il-post.

49.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur tat-tabelli u Sinjali tat-Traffiku ma kienx qed jipprovdi s-servizz skont il-kuntratt. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ *Default Notice* oħra u eventwalment il-kuntratt għandu jiġi terminat.

49.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

49.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk il-bankina li hemm bżonn titranġa fi Triq in-Nazzarenu tistax issir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Id-DSE informa li l-ħaddiema la kellhom l-għodda u lanqas is-sengħa biex jagħmlu dan ix-xogħol.

49.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa għaliex xi mirja li kienu approvati xi laqgħat ilu kienu għadhom ma weħlux. Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur kien għadu ma pprovdiex l-imsemmija mirja.

48.05.03 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex id-*Double Yellow Line* li sar dan l-aħħar fi Triq Mikielang Sapiano jitneħħa. Is-Sindku nfurmat li dan kien sar minn TM u għalhekk il-Kunsill ma kienx awtorizzat sabiex ineħħieħ.

49.05.04 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar problema bl-*irrigation* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku nfurmat li kienet infurmat lill-kuntrattur personalment u kien informaha li kien hemm problema bil-pompa.

49.05.05 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta li xi xhur ilu kien waħħal tabelli mal-*iBins* sabiex in-nies ma jħallux imbarazz ħdejhom iżda kienet ingibditlu l-attenzjoni sabiex ineħħihom għax kienu llegali u li kienu ser isiru oħrajn skont il-liġi, iżda sa llum dawn għadhom ma waslux. Is-Sindku nfurmat li għal darb'oħra huwa tort tal-kuntrattur li għadu ma pprovdiex dawn it-tabelli għalkemm ordnati.

***Il-Viċi-Sindku ħalla l-laqgħa fis-6.10 pm minħabba mpenji personali.***

49.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa ta' min kienet l-orħos kwotazzjoni għax-xiri tal-aċċessorji relatati mad-*distribution box* fil-Pjazza. Id-DSE informa li l-orħos kienet ta' JJ Ironmongery 13.

49.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk ilmenti li kien għamel qabel u għadhom ma ġewx solvuti għandux jerġa jgħaddihom. Is-Sindku wieġbet li taħt ċirkustanzi normali ma hemmx il-bżonn però peress li bħalissa qeghdin mingħajr SE, jista' jkun li xi ilment ikun inqabeż u allura ma jagħmilx ħażin illi jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni dwaru.

49.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

49.06.01 Il-Kunsillier Dingli informa li xi residenti kienu issuġġerew li jiżdied il-*parking* fi Triq Mikielang Sapiano kantuniera ma' Triq San Innoċenzju u sabiex jitneħħa l-maqrut li hemm bil-ħaxix sabiex minfloku jsir parkeġġ ukoll. Is-Sindku iddikjarat li ma taqbilx ma' din il-proposta u wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan is-suġġeriment ma jintlaqax.

49.06.02 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva talbiet sabiex isiru *Double Mirrors* fi Triq il-Familja Brancati kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq u fi Triq il-Familja Brancati faċċata ta' Triq l-Ispnar. Dawn it-talbiet ġew approvati.

49.06.03 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva suġġeriment sabiex tinbidel il-*crash barrier* li hemm fi Triq tas-Sejba u d-DSE informa li din il-*crash barrier* ilha ordnata minn Ġunju iżda sa llum kienet għada ma waslitx.

49.06.04 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva suġġeriment sabiex fi Triq il-Ħarriġiet jitneħħa l-*parking* għall-muturi u minn flokhom isir parkeġġ għall-karozzi. Wara diskussjoni ġie deċiż li jitneħħa l-parkeġġ għall-muturi fuq naħa waħda u l-ispazju jingħaqad ma' parkeġġ ta'vetturi sabiex ikun hemm spazju għal żewġ vetturi.

***Il-Kunsillier Decelis inghaqad mal-Kunsill fis-6.45 pm***

49.06.05 Il-Kunsillier Dingli informa li l-operaturi ta' Maypole kienu nfurmawh li kien qed jidhililhom l-ilma fil-*basement* tal-ħanut. Kien hemm qbil li dan l-ilment jiġi riferut lill-IM li kienu responsabbli mix-xogħlijiet fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

49.06.06 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva talba sabiex issir tabella *Stop* int u ħiereġ mill-fabbriki tan-Nar. Id-DSE informa li konna għamilna talba f'dan is-sens lill-Kunsill tas-Siġġiewi peress li l-post jiġi fil-lokalita' tas-Siġġiewi.

49.06.07 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir bozza f' Wesgħat l-ispiżerija l-Anika fuq in-naħa ta' ġewwa. Din it-talba ġiet approvata u ġie deċiż li ninfurmaw lil-Nexos dwar fejn l-aħjar li ssir.

49.06.08 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir mera fi Triq il-Parroċċa fil-kantuniera. Ġie deċiż li qabel din il-mera tiġi ordnata, għandna niksbu l-permess tas-sid tal-propjetà li magħha triq teħel il-mera.

48.06.09 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex isiru toqob fit-*tarmac* fi Triq il-Franka sabiex ikun jista' jintrema tiżjin tal-Milied minn persuna privata. Ġie deċiż li ninfurmaw lil min għamel it-talba sabiex jikkuntattja kuntrattur hu u jikseb il-permessi neċessarji skont il-liġi.

49.06.10 Il-Kunsillier Sciberras wera d-diżappunt tiegħu għal fatt li ċerti entitajiet ma kienux qed jikkonsultaw mal-Kunsill fuq affarijiet relatati mar-raħal. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill kellu joġġezzjona formalment għal dan l-aġir u nitolbu spjegazzjoni għaliex kien sar hekk.

49.06.11 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsiru *traffic lights* in-naha ta' fuq ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku nfurmat li fl-area msemmija diġà hemm Pellicano *lights*.

49.06.12 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li l-Kunsill jidħol għar-restawr tal-Barumbara. Is-Sindku nfurmatu li dan ma jistax isir peress li l-barumbara qiegħda fi propjetà privata.

49.06.13 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li l-Kunsill jissuġġerixxi lir-Reġjun sabiex jagħmel basktijiet tad-drapp li jistgħu jintużaw bħala *tokens* f'każ ta' xi attività. Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun kien qed jaħdem fuq xi ħaġa simili.

49.06.14 Korrispondenza mill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart fejn ġejna nfurmati li jekk ser nitolbu s-servizz tiegħu mill-1 ta'Jannar 23, kien ser ikollu jgħolli l-prezz. Id-DSE informa li fi tmien il-ġimgħa l-kuntrattur kien ser jinfurmana bl-ammont mitlub sabiex inkunu nistgħu nirreferu lir-Reġjun f'każ li s-servizz ma jibdiex fuq skala reġjonali.

49.06.15 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar l-inizjattiva ta' mart il-Prim Ministru *Rigal b'Imqabba* sabiex il-Kunsilli jiġbru rigali għat-tfal sabiex wara jittieħdu taht is-sigra li ser ikun hemm ħdejn Kastilja. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva però ġie deċiż li s-siġra tagħna tkun ġewwa l-uffiċċju sabiex ma jkunx hemm il-possibilità ta' serq tar-rigali.

49.06.16 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent dwar SPI/SCI/10/2022 – *Automated Public Toilets* fejn il-Kunsill wera l-interess li jipparteċipa f'din l-iskema li ser titħaddem mir-Reġjun. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

49.06.17 Korrispondenza bejn is-Sindku u IM rigward it-Triq tas-Sejba. Il-Kunsill għadu jinsisti li din it-triq għandha ssir illum qabel għada u fin-nuqqas ta' dan, IM għandhom jinżammu responsabbli għal xi danni li jistgħu jiġu ikkawżati.

49.06.18 Korrispondenza mingħand is-Sur Cachia li flimkien mal-librara jieħu ħsieb il-librerija lokali fejn il-Kunsill intalab jivvota € 1,000 sabiex jinxtraw f'kotba għal librerija. Ġie deċiż li qabel il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar din it-talba, għandha ssir laqgħa bejn is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras f'isem il-Kunsill u s-Sur Cachia u l-librara.

49.06.19 Korrispondenza mingħand il-*producers* tal-programm televisiv Popolin fejn il-Kunsill intalab sabiex jinnomina 2 persuni mir-raħal sabiex jidhru fil-programm u jirrakkuntaw il-ġrajja tagħhom. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill javviċina lis-Sur Antoine Farrugia, Maria Sciberras, Leonard Azzopardi u Michael Chetcuti sabiex naraw min minnhom jaċċetta.

49.06.20 Korrispondenza mingħand resident fejn issuġġerixxa li jsiru *Parking Bays* fi Triq tal-Mentna. Ġie approvat li l-ewwel isiru l-*Parking Bays* fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u wara jsiru dawk fit-toroq li jmissu magħhom.

49.06.21 Korrispondenza mingħand residenta sabiex issir *Bike Rack* fi Triq il-Familja Brancati. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jigi diskuss aktar il-quddiem peress li għalissa l-Kunsill ma jħossx il-bżonn li ssir *Bike Rack* f'dawn l-inħawi.

49.06.22 Korrispondenza mingħand resident sabiex titranġa U-Bar fi Triq Valletta wara li ntlaqtet minn vettura u sabiex il-Kunsill jikkunsidra li din it-triq issir One Way. Ġie deċiż li l-U-Bar għandha titranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li rigward il-

*One Way*, il-Kunsill irid jevalwa s-sitwazzjoni bir-reqqa peress li tali deċiżjoni tista tikkawża inkonvenjent f'diversi toroq.

49.06.23 Talba mingħand resident fi Triq Valletta sabiex jiġi estiż id-*Double Yellow Line* sa quddiem ir-residenza tiegħu sabiex ma jkunux jistgħu jipaprkjaw vetturi. Ġie deċiż li nitolbu lir-resident ritratt bil-karozzi ipparkjati quddiemu sabiex nifhmu eżatt l-iskop ta' din it-talba.

49.06.24 Is-Sindku nfurmat li kienet qed tipprova li jsir ir-restawr ta' niċeċ taħt l-iskema tal-Gal Xlokk. Hija qalet li n-niċeċ jinsabu fi Triq it-Torri Vincenti, Triq il-Ġnien, Triq tal-Karmnu, Triq San Bażilju u l-Pjazza. Hija qalet ukoll li kienet talbet l-għajnuna tar-reġjun kif ukoll kienet tkellmet ma' Profs Ray Mangion sabiex possibbilment isir *Heritage Trail* taħt l-istess skemi tal-Gal Xlokk.

49.06.25 Fuq suġġeriment tad-DSE, il-Kunsill approva li l-*items* elenkati hawnhekk ma jibqgħux jitqiesu mal-assi tal-Kunsill minħabba li ma kienux għadhom tajbin sabiex jintużaw : 6 Siġġijiet tal-injam / *intercom* / *cordless telephone* kif ukoll *fax/printer*.

49.06.26 Is-Sindku spjegat li l-attivitajiet li hija torganizza f'isem il-Kunsill huma dejjem miftuħa għall-Kunsillieri jekk dawn jagħżlu li jattendu u li biex jagħmlu dan iridu jinkitbu bħal ma jinkitbu residenti oħra. Il-Kunsillier Decelis wera l-fehma li l-Kunsillieri għandhom jingħataw preċedenza fuq ir-residenti għax iħoss li l-Kunsillieri kienu qed jitqiesu li huma tat-tieni klassi. Is-Sindku spjegat li personalment ilha torganizza attivitajiet f'isem il-Kunsill għal diversi snin u dejjem ħadmet b'dan il-mod u qatt ma kien hemm problemi u li għal dan il-ghan, hija ma kienitx ser biddel xejn mill-mod kif jinkitbu dawk li jkunu jrisu jattendu ghal xi attivita' organizzata mill-Kunsill.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu***

49.07 **Ġnien Onġi Onġella**

49.07.01 Ġew ippreżentati l-pjanti tal-Ġnien wara li kellna l-laqgħa mad-*designer* u filwaqt li dan ġie approvat, ġie deċiż illi naraw hux possibbli li jkun hemm *boundary wall* madwar l-istess ġnien għas-sigurtà tat-tfal.

49.08 **Milied 2022**

49.08.01 Is-Sindku fakkret fl-attivitajiet tal-Milied li kien ser jorganizza l-Kunsill :

- 1 ta' Diċembru – Mixgħela tal-Pjazza (4.30pm /6.00pm)
- 17 ta' Diċembru – *Party* għat-tfal fis-Sala tal-Iskola (2.00pm/4.00 pm)
- 20 ta' Diċembru – Slitta ta' Santa Klaus (5.30pm / 7.30pm)
- 8 ta' Jannar – Quddiesa ta' Ringrazzjament u *Drinks* għall-għaqdiet fis-Sala tal-Iskola.

- 15 ta' Jannar – Ikla għall-Kunsillieri u ħaddiema

49.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/49**

49.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/49 ġiet approvata unanimament minbarra l-kont nru 20 mingħand Christopher Bonello peress li x-xogħol li għalih inħareġ il-kont huwa kopert bil-kuntratt.

49.09.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Ottubru 2022 ġiet approvata unanimament.

48.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

48.10.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru fl-4:30 pm

Konfermati illum il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Fabian Mizzi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |